# Dipartiment tal-Probation u l-Parole

## MIN AĦNA

Id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole għandu l-għan li jtejjeb is-sikurezza komunitarja billi jnaqqas ir-reċidiva permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' Ġustizzja Riparatriċi u l-użu ta 'Sanzjonijiet ibbażati fil-Komunita'. Il-mission statement tagħna huwa "li ngħinu biex niżguraw l-istabbilita' soċjali billi nikkontribwixxu biex innaqqsu ir-reċidivita' kemm jista' jkun il-frekwenza ta' reati għal aktar protezzjoni pubblika u billi niżguraw l-integrazzjoni mill-ġdid ta' komunita' min jikser il-liġi. Biex jiġi żgurat li s-servizzi offruti jindirizzaw il-ħtiġijiet, l-istabbilita' tas-Sistema tal-Ġustizzja Kriminali skont il-prinċipji tal-Ġustizzja Riparatriċi."

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *Id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole - sigurtà*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Meta żżur l-uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 15-20 minuta f'ċirkustanzi normali.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 15-il jum tax-xogħol mid-data tat-talba.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *probation.services@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 5 t'ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Dipartiment tal-Probation u l-Parole, Millenia Building, 3rd Floor, Triq Aldo Moro, Marsa Malta
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Xitwa 06:30-15:30; Sajf 06:30-12:30; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *Id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole - sigurtà*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mad-dipartiment: *probation.services@gov.mt* - +356 2295 1313